MALTA

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-21 ta' Frar, 2018

Rikors Maħluf Numru 1017/14LM

**GO p.l.c. (C 22334)**

***vs.***

**Schembri Angelo (K.I. 558859M) u Enemalta plc (C65836)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-13 ta' Novembru, 2014 mis-soċjetà attriċi **GO p.l.c.** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), u maħluf minn Simone Wightman, li jgħid kif ġej:

*1. Illi l-konvenut Schembri wettaq xogħlijiet ta' natura infrastrutturali fi Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ nhar it-23 ta' Novembru 2012 u/jew fil-ġranet ta' qabel, liema xogħlijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti u lanqas ma ġew eżegwiti in konformità mar-regolamenti viġenti, u li konsegwenza ta' liema xogħlijiet is-soċjetà esponenti sofriet ħsarat fl-infrastruttura tagħha.*

*2. Illi l-imsemmija xogħlijiet kienu qegħdin isiru fuq inkarigu tal-Korporazzjoni Enemalta, illum Enemalta p.l.c.*

*3. Illi danni jammontaw għas-somma ta' sittax-il elf u sitta u ħamsin Euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€16,056.26) (File Relattiv – GT3/2012/20).*

*4. Illi nhar l-24 ta' Novembru, 2012, is-soċjetà rikorrenti għamlet rapport mal-Pulizija in konnessjoni ma' dawn il-ħsarat, liema rapport iġib ir-riferenza 2/D/2340/2012.*

*5. Illi l-konvenut Schembri ġie interpellat biex iħallas u dan permezz ta' fattura bir-riferenza 61846 datata 25 ta' Marzu, 2013.*

*6. Illi permezz ta' ittra uffiċjali li ġġib ir-riferenza 265/14 datat 28 ta' Jannar, 2014, il-konvenuti ġew interpellati sabiex iħallsu d-danni fuq imsemmija.*

*7. Illi minkejja dan, id-danni fuq imsemmija baqgħu ma tħallsux.*

*8. Illi Simone Wightman hija mpjegata tas-soċjetà rikorrenti fl-uffiċċju tal-Credit Control u taf b'dawn il-fatti personalment, wara li vverifikat mal-informazzjoni fil-pussess tas-Soċjetà rikorrenti.*

*9. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi s-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, previa li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti opportuni:*

*A. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli in solidum tal-ħsarat ikkawżati lill-infrastruttura tas-soċjetà rikorrenti kif aktar 'il fuq spjegat, u*

*B. Tikkundannhom in solidum sabiex iħallsu lis-soċjetà rikorrenti d-danni fis-somma ta' sittax-il elf u sitta u ħamsin Euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€16,056.26) in konnessjoni mal-ħsarat fuq ċitati;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-preżenti, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u tal-ittra uffiċjali bir-riferenza 265/14 u bl-imgħaxijiet dekorribli mit-28 ta' Jannar, 2014, data*

*tal-imsemmija ittra uffiċjali 265/14, kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.*[1]

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Enemalta plc** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") li ġiet ippreżentata fid-9 ta' Diċembru, 2014, u maħlufa minn Eric Montfort kif debitament awtorizzat, li biha eċċepiet:

1. *Illi kif iddikjarat fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotur, il-konvenut Angelo Schembri wettaq xogħlijiet ta' natura infrastrutturali fi Triq Ħal Mula li tinsab f'Ħaż-Żebbuġ u dawn ix-xogħlijiet kienu jikkonsistu fi skavar u tħaffir kif neċessarju għat-twaħħil t'arblu tad-dawl kif ikkummissjonat mis-soċjetà Enemalta p.l.c;*

2. *Illi fl-24 ta' Novembru, 2012, seħħ inċident permezz ta' liema ntlaqtu cables appartenenti lis-soċjetà rikorrenti u sussegwentement is-soċjetà rikorrenti allegatament soffriet danni fl-ammont ta' €16,056.26 skont il-fattura mmarkata bħala DOK. A annessa mar-rikors promotur li, għal kull buon fini, is-soċjetà Enemalta tiddikjara illi hija qatt ma kienet irċeviet kopja tal-kont kif hawn eżebit;*

3. *Illi kif ser jiġi ppruvat b'mod aktar dettaljat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-allegazzjoni illi l-Korporazzjoni setgħet ikkontribwixxiet għal dan l-inċident għaliex ix-xogħlijiet kien qed isiru fuq inkarigu ta' Enemalata p.l.c. hija kompletament inkonċepibbli għaliex id-danni ġew subiti minħabba x-xogħlijiet li kienu qed isiru fit-triq u minn min kien qed jagħmel dawn ix-xogħlijiet u mhux minn min inkariga l-konvenut Schembri u għalhekk l-Enemalta kategorikament tiċħad il-possibilità li hija qatt setgħet tikkontribwixxi għal akkadut u għad-danni in kwistjoni;*

4. *Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda in toto bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti stante illi t-tħaffir tat-triq u x-xogħlijiet saru kollha mill-konvenut Angelo Schembri u l-Enemalta kkummissjonat lill-konvenut sabiex jeżegwixxi dawk ix-xogħlijiet u l-Enemalta bl-ebda mod qatt ma hi responsabbli għall-esekuzzjoni jew sorveljanza għax-xogħlijiet ikkummissjonati minnha;*

[1] Ġew annessi mar-Rikors Maħluf is-segwenti dokumenti: (i) fattura ref. 61846 tal-25.03.2013, *a fol.* 4; (ii) ittra uffiċjali ref. 265/14 datata 28.01.2014, *a fol.* 5; (iii) ittra uffiċjali responsiva ta' Angelo Schembri ref. 374/14 datata 06.02.2014, *a fol.* 6; (iv) ittra uffiċjali responsiva ta' Enemalta plc ref. 670/14 datata 05.03.2014, *a fol.* 7; (v) ir-rapport tal-Pulizija ref. 2/D/2340/2012, *a fol.* 8; u (vi) affidavit ta' Simone Wightman, *a fol.* 9.

5. *Illi s-soċjetà Enemalta ma tistax tinsab responsabbli b'mod dirett jew indirett għad-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti u għalhekk bl-ebda mod ma kkontribwiet bl-aġir tagħha għall-akkadut u ta' dawn il-ħsarat is-soċjetà Enemalta;*

*Għalhekk is-soċjetà Enemalta, kif debitament irrappreżentata fuq dan l-att titlob bir-rispett tiddikjara:*

i. *Illi it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż inkwantu illi s-soċjetà Enemalta ma hi responsabbli bl-ebda mod għall-akkadut u konsegwentement ma hija responsabbli għal ebda danni konsegwenzjali li allegatament sofriet ir-rikorrenti.*

ii. *Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-Liġi.*

iii. *Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-istess attriċi minn issa nġunta in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Angelo Schembri** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") li ġiet ippreżentata fid-9 ta' Jannar, 2015, li biha eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet tas-soċjetà attriċi in kwantu diretti fil-konfront tiegħu huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi r-rispondent m'għandu ebda ħtija jew responsabilità għall-akkadut u għalhekk ebda responsabilità għall-ħlas tad-danni attriċi u dan kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

2. *Illi sussidjarjament u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, il-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti huma eċċessivi u eżaġerati u jmorru kontra l-prinċipju illi d-danneġġjat għandu l-obbligu li jimminimizza d-danni li huwa jirreklama, mhux iżidhom.*

3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li talvolta jkunu permissibbli skont il-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjonijiet bejn il-partijiet**

Is-soċjetà attriċi GO p.l.c. qiegħda titlob il-ħlas tad-danni mingħand il-konvenut il-kuntrattur Angelo Schembri u mingħand is-soċjetà konvenuta Enemalta p.l.c. li kkummissjonat ix-xogħlijiet, tal-ħsarat kkaġunati fl-infrastruttura tagħha fis-somma ta' €16,056.26, u dan meta Angelo Schembri fit-23 ta' Novembru, 2012 fi Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ, ħaffer biex iqiegħed arblu tad-dawl ta' Enemalta p.l.c. u kkaġuna danni fil-*cables* ta' Go p.l.c. Is-soċjetà konvenuta, Enemalta p.l.c., tilqa' billi tgħid li x-xogħlijiet ma sarux minnha iżda mill-konvenut l-ieħor Schembri u l-Enemalta mhux responsabbli għall-eżekuzzjoni jew sorveljanza tax-xogħlijiet ikkummissjonati, la direttament u lanqas indirettament. Il-konvenut Angelo Schembri qed jgħid li l-allegazzjonijiet kontrih ta' ħtija jew responsabbiltà huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li fi kwalunkwe każ il-pretensjonijiet tal-GO p.l.c. huma eċċessivi, meta s-soċjetà attriċi hija obbligata li timminimizza d-danni.

## Provi u riżultanzi

*Provi mressqa mis-soċjetà attriċi GO p.l.c.*

**Simone Wightman**, ir-rappreżentanta tas-soċjetà attriċi li taħdem fl-uffiċċju tal-Credit Control, permezz ta' affidavit[2] ikkonfermat il-fattura maħruġa fuq il-konvenut Angelo Schembri[3], lli tagħmel riferiment għal spejjeż ta' materjal fis-somma ta' €10,847.74 u spejjez ta' xogħol fis-somma ta' €5,208.52. Ix-xhud ikkonfermat li ma tħallas xejn minn dawn l-ispejjeż.

**Silvan Montesin**, li huwa *Manager, Cable Operations* mas-soċjetà attriċi għat-tramuntana u n-nofsinhar ta' Malta, xehed b'affidavit[4] fejn qal li huwa jieħu ħsieb ħsarat fil-*cables* tas-soċjetà attriċi. Ikkonferma li fi Triq il-Mula, Ħaż-Żebbuġ is-soċjetà attriċi għandha installati taħt l-art pajpijiet tal-*plastic pvc* (*duct route)* minn fejn jgħaddu l-*cables* tagħha u jgħid li hemm għaddejjin ukoll *cables* tal-Melita p.l.c. Ix-xhud jgħid li fit-23 ta' Novembru, 2012 kellhom ħsarat kemm huma u kemm il-Melita u qal li n-nies tiegħu marru jinvestigaw u rriżultalhom li l-kaġun tal-ħsarat kien tħaffir tal-kuntrattur Angelo Schembri imqabbad mill-Enemalta biex iwaħħal arblu tad-dawl. Is-soċjetà attriċi inkarigat lil Renell Company Limited dakinhar stess wara l-ħin tax-xogħol, li ħaffru sakemm sabu l-ħsarat, sewwew id-*duct route* billi l-pajpijiet milquta ġew imlibbsa *sleeve* protettiva u l-għada lestew it-tiswijiet. Ix-xhud jgħid li peress li dawn kienu *cables* kbar ta' 1600 par, ma setgħux jissewwew billi jagħmlu ġonta iżda kellhom jinbiddlu t-tul ta' żewġ *manholes* numri 271 u 272, skont pjanta *a fol.* 26 tal-proċess. Ix-xhud ippreżenta rapport tax-xogħlijiet li saru li minn fuqu

[2] *A fol.* 9.
[3] *A fol.* 4.
[4] *A fol.* 19 u 20.

nħadmet il-fattura. Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll ritratti tal-ħsarat u tax-xogħlijiet li saru[5], fattura maħruġa minn Tenovar Limited għas-somma ta' €1,271.70[6] għat-tibdil tal-*cable* fi Triq Mula u *statement* ta' Rennell Company Limited[7] li jinkludi x-xogħlijiet fi Triq Ħal Mula fis-somma ta' €436, eskluża l-VAT.

**Joseph Farrugia** *technical executive* mas-soċjetà attriċi responsabbli għat-tiswijiet tal-*cables* fit-tramuntana u nofsinhar ta' Malta, xehed permezz ta' *affidavit*[8] fejn qal li fit-23 ta' Novembru, 2012 kien irċeva rapport dwar ħsarat fil-*cables* tagħhom, iġġenerat awtomatikament kull meta ikun hemm ħsara sostanzjali wara ħafna rapporti mill-pubbliku. Ix-xhud jgħid li rċeva rapport ukoll mill-Melita dwar *cables* li dawn kellhom għaddejjin mill-istess *duct routes* tas-soċjetà attriċi fi Triq Ħal Mula. Ix-xhud jgħid li huwa mar fuq il-post u ltaqa' mat-tekniċi tal-Melita. Ix-xhud jgħid li s-soċjetà attriċi inkarigat lil Renell Company Limited biex tissewwa d-*duct route* u lil Tenovar Limited biex ibiddlu l-*cable* milqut. Imbagħad it-tim tal-*joiners* tas-soċjetà attriċi taħt it-tmexxija ta' Lawrence Formosa, ġonġew il-*cable* mal-parti mibdula u għamlu t-testijiet biex jaraw li reġa' ġie attivat is-servizz tal-klijenti milquta. Ix-xhud jgħid li l-lok fejn ġiet identifikata l-ħsara fil-cable kien viċin proprjetà fejn kien hemm arblu tad-dawl kif jidher fir-ritratt *a fol.* 29 u kien hemm miżbugħa l-marki bl-oranġjo E/P kif jidhru fir-ritratt *a fol.* 31, u minn hemm ikkonkluda li kien sar xi xogħol mill-Enemalta minn kuntrattur inkarigat minnha, il-konvenut odjern. Ix-xhud jgħid li meta kellem lil Angelo Schembri l-għada bit-telefon, dan ikkonfermalu li kien waħħal arblu tad-dawl fuq inkarigu tal-Enemalta u kien intebaħ li laqat xi *cables.* Farrugia jgħid li meta kellem lil Angelo Schembri fuq il-post u staqsieh

[5] *A fol.* 24, 25 u 29 sa 32.
[6] *A fol.* 27.
[7] *A fol.* 28.
[8] *A fol.* 41 sa 43 u xhieda in rieżami *a fol.* 248 sa 250.

jekk kienx iċċekkja mal-GO minn fejn kienu għaddejjin il-*pipes* tagħhom, dan wieġbu li ma kienx iċċekkja, iżda qallu li viċin ta' fejn ħaffer f'wiċċ it-triq kien hemm marki bl-aħdar li hu fehem li dawn kienu jindikaw fejn huma l-pipijiet tal-GO.[9] Ix-xhud jgħid li kien saħaq ma' Schembri li skont il-proċedura huwa kellu jagħmel kuntatt mal-GO p.l.c. għall-assistenza, li l-kuntrattur ammetta li ma għamilx, juża apparat li jimmarka l-preżenza tal-infrastruttura bil-*cable track locator* u jħaffer *pilot holes* qabel biex jivverifika x'kien hemm. Ix-xhud jgħid ukoll li dawn l-affarijiet jafhom sew il-kuntrattur għax jafu tal-mestjier u ilu f'dan ix-xogħol. Ix-xhud jgħid li wara huwa għamel rapport dwar l-inċident lill-Pulizija.[10] Jgħid li l-kuntrattur Schembri f'dan il-każ ma kienx talab lis-soċjetà attriċi għall-marki.

In kontroeżami x-xhud jispeċifika[11] li fir-ritratt li jinsab *a fol.* 29 tal-proċess ma kienx jidher l-arblu oriġinali għax dan kien inqala' u dak li kien hemm fir-ritratt huwa l-arblu li mbagħad tqiegħed wara l-ħajt u huwa ħadlu ritratt l-għada tal-inċident. Ix-xhud jgħid li r-ritratt *a fol.* 30 fejn hemm l-marka oranġjo, juri fl-art il-*concrete* frisk li kienu għamlu huma wara li sewwew il-ħsarat u dan kien barra l-ħajt bi dritt l-arblu li qiegħed wara l-ħajt. Dwar jekk is-soċjetà attriċi tużax *tape* tal-metall biex jinqabad mill-*metal detectors* tal-kuntratturi, ix-xhud jgħid li s-soċjetà attriċi ma għandhiex bżonn tuża *tape* bħal dan għax il-*cables* tagħha huwa tal-*copper* li jinqabad bil-*metal detector*. Joseph Farrugia jgħid li ma kienx jaf min għamel il-marki ħodor li kien hemm fit-triq u kkalkula li l-ħofra li għamel Schembri kienet xi metru 'l bogħod minn dawn il-marki. Hu kkonferma li ra l-*cable* tas-soċjetà attriċi ddanneġġjat, iżda ma rax il-*cable* tal-Melita. Ix-xhud jgħid li kellhom ibiddlu t-tul sħiħ tal-*cable* għax dan ma jistax jinqata' u dak

[9] Dawn il-marki jidhru fir-ritratt *a fol.* 31.
[10] *A fol.* 93 u 94.
[11] *A fol.* 230 sa 248.

danneġġjat kien tħalla fl-i*stores* tagħhom u għadu hemm sal-lum sa fejn jaf hu, imma dan il-*cable* ma jistax jintuża għal xogħol ieħor. Ix-xhud jgħid li l-cable l-ġdid li intuża juża l-istess teknoloġija tal-antik u ma sarx xi *upgrade* bil-*cable* il-ġdid. Ix-xhud jikkonferma li bid-*detectors* użati mill-GO huma jistgħu jidentifikaw il-*cables* tagħhom mingħajr il-ħtieġa ta' *tape.*

Xehed ukoll **Edward Haber**[12], li hu *Principal Technical Officer* mas-soċjetà attriċi li jmexxi s-sezzjoni tat-tiswijiet u li kien *on call* wara l-ħinijiet tax-xogħol minħabba xi emerġenza, li spjega li fit-23 ta' Novembru, 2012 mar fi Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ minħabba li l-ħsara kienet ikkunsidrata bħala waħda maġġuri. Fuq il-post kien sab lill-ħaddiema tal-Melita qed jaħdmu fil-*manhole* 271.[13] Peress li kien hemm ħsarat fid-*duct route* u fil-*cable* tagħhom, ix-xhud jgħid li ġiet ingaġġjata Renell Company Limited u fil-preżenza tiegħu kixfu l-parti tad-*duct route* u qatgħu l-cable affettwat. Ix-xhud inkariga lill-impjegat tas-soċjetà attriċi, Pierre Attard sabiex iqabbad lill-kuntrattur li kienu jużaw biex ibiddel il-*cable* affettwat. Ix-xhud jispjega li l-*cables* tagħhom huma tal-*copper* li jinqabad bit-*track locators* tal-GO u qal li anki l-kuntratturi li jħaffru suppost għandhom apparat bħal dan.

In kontroeżami[14] Haber ikkonferma li x-xogħlijiet ta' tiswija kienu f'idejh. Innota l-arblu fir-ritratti wara l-ħajt u ppreżuma li dak kien l-arblu li jrid jitneħħa. Ix-xhud jgħid li ma jiftakarx jekk kienx hemm marki ħodor fit-triq u jikkonferma li kien hemm ukoll *cable* ieħor tal-Melita li ġie danneġġjat u dan kien f'*pipe* differenti minn tagħhom, fuqu jew taħtu, però fl-istess *duct root,* li tieħu diversi pipijiet. Ix-xhud jgħid li dakinhar anki tal-Melita biddlu l-*cable* tagħhom. Ix-xhud jikkonferma li s-soċjetà attriċi ma tużax *duct tape* fuq il-pipijiet tagħha għaliex il-

[12] *A fol.* 44, 45 u rieżami *a fol.* 263.
[13] Ara l-pjanta *a fol.* 26.
[14] *A fol.* 253 sa 265.

*copper* tal-*cable* jinqabad anki jekk ikun fil-*pipes* tal-*plastic.* Ix-xhud jgħid li l-*cable* f'dan il-każ ma kienx tal-*fibre optic.*

Ix-xhud **Patrick Mallia**[15], *Senior Technical Officer* mas-soċjetà attriċi, qal li huwa responsabbli għal *minor civil engineering works* u kkonferma li dwar il-ħsarat fi Triq Ħal Mula kienu inkarigaw bit-tiswijiet lil Renell Company Limited u huwa kien ikkonferma li t-tiswijiet kienu tlestew. In kontroeżami x-xhud jgħid[16] li ma jiftakarx fejn kienet eżatt il-ħsara skont ir-ritratti u li hu kien mar fuq il-post biex jivverifika biss li l-kuntrattur għamel ix-xogħlijiet li kien ser jitħallas tagħhom. Il-kuntrattur li qabbad, ħaffer biex għamel il-pipijiet kif kienu qabel, għamel *tape* isfar tal-GO u għalaq kollox kif kien qabel. Hu qal li xogħlu kien li jara x'għamel dan il-kuntrattur, jikkwantifikah u jħallas lill-kuntrattur. It-*tape* l-isfar hu *warning tape* biex dak li jkun, ikun jaf li hu hemmhekk hemm linji ta' GO p.l.c.

Xehed ukoll permezz ta' *affidavit* **Pierre Attard**[17], impjegat mas-soċjetà attriċi bħala *Manager, Fixed Access Plan and Build,* li spjega li hu kien responsabbli għan-*network* tas-soċjetà attriċi inkluż it-tibdil ta' *cables* permezz ta' kuntratturi privati. Hu kien mar fuq il-*manhole* 271 ma' ħaddiema ta' Tenovar Limited, kuntrattur tagħhom, u ġibdu l-cable ddanneġġjat u biddluh quddiemu stess u l-kuntrattur ġie ffatturat għal dan ix-xogħol.

**Lawrence Formosa** li jaħdem fil-*cable operations* mas-soċjetà attriċi u li jirrapporta lil Joseph Farrugia, fl-affidavit[18] tiegħu jgħid li fit-23 ta' Novembru, 2012 kien mar fuq il-post ma' numru ta' nies mit-tim tiegħu li niżlu fil-*manholes* 271 u 272 u qatgħu l-*cable* u wara l-kuntrattur installa *cable* ġdid. It-tim tiegħu

[15] *A fol.* 46.
[16] *A fol.* 266 sa 269.
[17] *A fol.* 47.
[18] *A fol.* 48 u 49.

wara ġonġa l-*cable* l-ġdid billi ġonġew 1,600 par ta' *wires* wieħed wieħed kull naħa, total ta' 3,200 *wires.* Wara ssiġillaw kollox bi speċi ta' boroż għal tal-apposta, u wara kellu jsir dak li jgħidulu *pair picking* minn ħaddiema oħrajn tas-soċjetà attriċi, jiġifieri jaraw li kull linja ġonġuta tkun tikkorrispondi mal-assenjazzjoni distinta fil-*cabinets* tal-GO, li minnhom imorru għall-klijenti, biex jiġi assigurat li kull linja ġonġuta tkun tikkorrispondi mas-servizz telefoniku jew tad-*data* abbinat magħha. Wara saru wkoll testijiet biex jiġi żgurat li l-linji affettwati kienu ripristinati.

Xehed ukoll **Pierre Debrincat**[19], *Senior Manager*, *Financial Control* mas-soċjetà attriċi, li kkonferma l-fattura tas-soċjetà attriċi għas-somma ta' €16,056.26 għal (i) spejjeż tal-materjal li kien jikkonsisti f'*cable* ta' 1,600 par tul 170 *metru*, li jiswa €7,505; (ii) żewġ *joint closures* għas-somma ta' €416 li jqabbdu l-*cable* il-ġdid man-*network* (iii) il-fattura ta' Tenovar Limited - €1,271.70; (iv) €1,673 għall-proċess tal-*joining*; (v) €1,928 rigward *cutovers* u *testing*; (vi) il-fattura ta' Renell Company Limited - €436; (vii) €465 għall-*pair picking* u (viii) €348 għall-ippjanar u superviżjoni tax-xogħlijiet. Barra minn hekk kellha titħallas ukoll il-VAT, €1,654.74 fuq il-materjal u €794.52 fuq ix-xogħol (*labour*). Ix-xhud ikkonferma wkoll li s-soċjetà attriċi kienet ħallset il-fatturi kemm ta' Renell Company Limited u kemm ta' Tenovar Limited.

Xehed ukoll l-**Ispettur Kevin Farrugia**[20] li kkonferma r-rapport li kien sar mal-Pulizija[21], minn fejn jirrizulta li Joseph Farrugia għan-nom tas-soċjetà attriċi kien irrapporta l-ħsarat fi Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ. Fir-rapport jingħad li fit-28 ta' Jannar, 2012 l-konvenut stqarr li kien qed jagħmel xogħol imqabbad mill-Enemalta biex iwaħħal arblu tad-dawl u induna li għamel ħsara fuq xi *cables*

[19] *A fol.* 50.
[20] *A fol.* 81 u 82.
[21] *A fol.*93 u 94.

mhux intenzjonalment. Fir-rapport jingħad li Joseph Farrugia kien ta lill-Pulizija stima tal-ħsarat fis-somma ta' €12,722 u talab li l-Pulizija tipproċedi kriminalment kontra l-konvenut Angelo Schembri. Kienu nħarġu akkużi kontra Angelo Schembri u l-każ ġie deċiż fil-11 ta' Ottubru, 2013 fejn Angelo Schembri kien meħlus mill-akkużi kriminali kontrih.

**PS 1585, James Weatherill**[22] fix-xhieda tiegħu jgħid li ma kienx investiga jekk l-kuntrattur kellux permessi biex iħaffer, però jgħid li l-konvenut kien ikkonferma miegħu li kien għamel il-ħsara, iżda mhux intenzjonalment. In kontroeżami x-xhud jgħid[23] li għalkemm kien il-PC 159 li kiteb ir-rapport, dan sar taħt is-sorveljanza tiegħu u għalkemm ismu ma jidhirx fir-rapport, ikkonferma li hu personalment sema' x-xhieda wkoll.

**Paula Valletta**[24], Segretarja tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, xehdet illi permessi f'isem l-konvenut biex iħaffer ma rriżultalhiex li kien hemm, la rigward Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbug u lanqas x'imkien ieħor. Ix-xhud tgħid li l-prassi hija li meta jsiru talbiet għal tħaffir, huma jgħadduhom lil Transport Malta għall-kummenti tagħhom u t-tfittxija fuq il-konvenut għamilitha fis-sistema ta' Transport Malta imma m'għamlitx riċerka dwar l-Enemalta.

**Nicholas Baldacchino**[25], rappreżentant tal-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta xehed li mis-sistema tagħhom irriżulta li ma kien hemm ebda permessi għal tħaffir mill-konvenut jew mill-Enemalta fil-jum tat-23 ta' Novembru, 2012 fi Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ. In kontroeżami x-xhud spjega[26] li entitajiet bħal kunsilli

[22] *A fol.* 83 sa 84.
[23] *A fol.* 84 u 85.
[24] *A fol.* 86 u 87.
[25] *A fol.* 88.
[26] *A fol.* 88 sa 91.

lokali, l-Enemalta u l-Water Services li għandhom servizzi fit-toroq, jistgħu jilloggjaw fuq is-sistema tagħhom u jniżżlu meta ser isiru xogħlijiet u awtomatikament jinħareġ il-permess, tkun speċi ta' notifika u Transport Malta ma tagħmilx xi pproċessar sakemm ma jkunx xi xogħol kbir. Ix-xhud jgħid li ma sab xejn la dwar l-kuntrattur konvenut, la dwar l-Enemalta u lanqas meta għamel *search* fi Triq Ħal Mula.

**Victor Busuttil**[27], rappreżentant ta' Tenovar Limited ikkonferma li kien ġie infurmat minn Pierre Attard ta' GO p.l.c. biex imorru jgħaddu *cable* 1600 par minn kaxxa (*manhole*) għal kaxxa u għalhekk għaqqad tim u marru. Ix-xhud ikkonferma l-fattura li bagħtu lil GO p.l.c. u li effettivament tħallset u esebixxa kopja tal-fattura flimkien ma' *statement* u kopja taċ-ċekk għal dak ix-xogħol u xogħol ieħor[28] li għamlu għall-GO p.l.c. In kontroeżami x-xhud ikkonferma li xogħolhom[29] kien li jbiddlu l-*cable* ta' GO minn naħa għal oħra, imma kellhomx x'jaqsmu mal-*cable* tal-Melita. Huma l-ewwel daħħlu l-*cable* tal-GO, li kien ta' xi 200 metru f'*pipe* ieħor, u l-*cable* iddanneġġjat qalgħuh ġurnata oħra. Ix-xhud jgħid li huma jitħallsu b'rata ta' 98ċ kull metru biex jpoġġu jew biex jaqalgħu *cables* u dawn l-istess rati japplikaw ukoll għal meta jaħdmu filgħaxija. Il-*cable* danneġġjat li kellu daqqa waħda fuqu, irritornawh lura l-i*stores* tal-GO.

Xehdet ukoll **Noreen Xuereb**[30], direttur ta' Rennel Company Limited, li ikkonfermat[31] il-fattura li ħarġu lill-GO p.l.c. Ix-xhud tgħid li kienu ċemplulha filgħaxija tal-GO p.l.c. u niżlet man-nies tagħha fi Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ u

---

[27] *A fol.* 100A u 100B.
[28] *A fol.* 101 sa 104.
[29] *A fol.* 295 sa 300.
[30] *A fol.* 28.
[31] *A fol.* 111 u 112.

sabu l-pajpijiet li fihom kien hemm il-*cable* maqtugħ. Irranġawlhom biex ikunu jistgħu jaqtgħu l-*cable* u kkonfermat li tħallsu tal-fattura.

**Paul Scicluna**[32], mid-Dipartiment tal-VAT, xehed li f'każ ta' ħlas ta' xogħlijiet biex jissewwew ħsarat sofferti mill-GO p.l.c., dawn huma suġġetti għat-taxxa tal-VAT.

*Provi prodotti mill-konvenut Angelo Schembri*

Il-konvenut **Angelo Schembri**[33] xehed li hu kuntrattur li jagħmel xogħlijiet tal-Enemalta u l-prassi hi li jċempillu l-*foreman* tal-Enemalta u dan imur miegħu fuq il-post, isib il-marka u l-għada jew il-pitgħada jwaħħal l-arblu. Fil-każ ta' Triq Ħal Mula kien ċempillu l-*foreman* tal-Enemalta Patrick Grixti u qallu fejn ried l-arblu. Kien hemm sit b'*boundary wall* u l-arblu kien ġewwa l-*boundary wall* u riedu li l-arblu jiġi fuq barra. L-ewwel mar waħdu u sab il-marka tal-arblu li jkun għamilha l-*foreman* tal-Enemalta. Iżda wara jgħid li l-marka jagħmluha flimkien hu u l-*foreman,* skont fejn tkun trid l-arblu l-Enemalta. Ix-xhud jgħid li sabu l-marki tal-GO u għamlu l-marka fejn kien ser iħaffer hu xi metru 'l bogħod. Schembri jispjega li tal-GO jimmarkaw it-triq bl-aħdar fejn ikun hemm id-*ducting.* Tal-Enemalta jimmarkaw bl-oranġjo fejn ikun jridu li jsir it-tħaffir. Fejn ikun hemm *cables* tal-GO jiġi mmarkat bl-aħdar u fejn ikun hemm *cables* tal-Melita jiġi mmarkat bil-kulur vjola. Schembri jgħid li huwa uża strument biex jara jekk kienx għaddej xi ħaġa fejn immarkalu l-*foreman* bl-oranġjo u ma qabad xejn bid-*detector*. X'ħin kien qed jħaffer l-aħħar biċċa, l-makkinarju niżillu f'daqqa u sab *ducting* tal-*plastic*. Il-konvenut jgħid li hu kien għadda bil-*metal*

[32] *A fol.* 113 u 114.
[33] *A fol.* 116 sa 121.

*detector* fejn taqqab, però peress li l-*cable* kien tal-*fibre optic,* il-*metal detector* ma qabdux. Schembri jgħid li tal-Vodafone jagħmlu *tape* tal-metall biex jimmarka fuq l-istrument, iżda tal-GO ma jużawx dat-tip ta' *tape*. Il-konvenut jispjega li tal-GO jkollhom il-pjanti fejn għandhom il-*cables* u probabbilment min immarka bl-aħdar metru 'l bogħod, kien ikkalkula mill-*boundary wall* li kien hemm u ma indunax li dan il-ħajt kien iċċaqlaq biż-żmien. In kontroeżami l-konvenut[34] reġa' biddel il-verżjoni u qal li l-ewwel darba mar ma' Patrick Grixti. Il-konvenut jgħid illi l-prassi hija li tal-GO jużaw *spray* aħdar, imma f'dan il-każ ma kienx ra lil tal-GO jagħmlu l-i*spray* aħdar, però l-ispray bl-aħdar kien diġà hemm tul it-triq għax qabel kienet saret trinka fit-triq. Il-konvenut jassumi li dan għamluh tal-GO, mhux biss minħabba l-kulur aħdar, imma għax kien sejjer minn kaxxa (*manhole*) għal kaxxa oħra tal-GO. Il-konvenut jgħid li ma kienx talab lil GO biex tagħmel marki u lanqas l-Enemalta ma kienet talbet dan. Il-konvenut jikkonferma li ma kienx talab għal permess għax ma kienx inkarigat jagħmel dan mill-Enemalta. Meta laqat il-*pipe* m'avżax lil GO p.l.c., iżda kien informa lill-*foreman* tal-Enemalta u qallu li ma jistax ipoġġi l-arblu minħabba l-*pipe.* Il-konvenut jispjega, peress li fil-passat kien ħadem ukoll fuq xogħol tal-GO, li meta jimmarkaw it-triq bl-aħdar, jieħdu n-nofs tal-pipijiet tagħhom u jkun *safe* taħdem metru 'l bogħod mill-marka. It-toqba li jagħmel hu tkun ta' xi tmien pulżieri. Il-konvenut jgħid ukoll li mhux biss il-*fibre optic* ma jiġix idditekktjat, iżda anki *cables* żgħar meta jkunu taħt l-art.

Angelo Schembri kkonferma li dan ix-xogħol kien għamlu wara li rebaħ *tender*. Ikkonferma li huwa ilu f'dan ix-xogħol tletin sena u kien rebaħ *tender* simili fl-2008. Ikkonfrontat bil-fatt li l-*cable* tal-GO ma kienx *fibre optic* iżda tal-*copper* u allura mistoqsi kif ma qabdux bil-*metal detector* tiegħu, il-konvenut wieġeb li hu

[34] *A fol.* 121 sa 127 u 321 sa 335.

għadda darba biss bil-*metal detector* għax kien jaf li l-marki ħodor kienu metru 'l bogħod. Il-konvenut jgħid li ladarba ra l-marki ħodor ma kellux għalfejn ikompli jfittex bid-*detector.*[35] Il-konvenut jammetti li hu bħala kuntrattur kien responsabbli biex jara jekk kinux għaddejjin *cables* minn taħt l-art. Il- konvenut ċaħad li mar fuq il-post waħdu u jgħid li kien mar mal-*foreman* Patrick Grixti u qal ma kien hemm ħadd aktar, la l-inġinier Chris Bonnici u lanqas ir-rappreżentant ta' GAP Holdings. Mistoqsi jekk kienx applika għall-permessi, il-konvenut jgħid li dak iż-żmien ma kinux japplikaw għall-permessi għax skont hu Transport Malta ma kinitx tagħtihom l-awtorità u skont il-prassi reċenti, illum tapplika l-Enemalta għalihom. Il-konvenut jgħid illi fis-sistema l-applikazzjonijiet jidhru fuq l-inġinier George Portelli, però wara qal li japplika hu imma fuq isem Portelli. Il-konvenut jgħid li hu ma kienx ċempel lil GO meta laqat il-*cable,* imma kien ċempel lil Enemalta u kienu dawn li ċemplu lil GO u wara jgħid li kienu tal-Enemalta li tawh marki ħżiena. Il-konvenut baqa' jinsisti li l-*cable* li ġie danneġġjat kien tal-*fibre optic,* tant hu hekk meta bagħtulu l-kont kien deskritt bħala *fibre optic,* imma minkejja li wiegħed li ser jeżebixxi l-kont, dan baqa' ma għamlux.[36] Il-konvenut jammetti li ma jafx min kien għamel il-marki bl-aħdar fit-triq, iżda qal li normalment dan jagħmluh tal-GO. Però sussegwentement il-konvenut jgħid li din il-marka kienu għamluha tal-GO għax fit-triq dakinhar kien hemm trinka friska li qal li assuma li kien għamilha l-Kunsill Lokali u assuma li l-Kunsill kien applika għand il-GO u li tal-GO kienu mmarkaw minn fejn kien għaddej il-*cable* tagħhom. Il-konvenut jgħid li meta rrapporta l-inċident dakinhar stess lill-Enemalta huwa kellem lil Patrick Grixti li kien ordnalu x-xogħol li qalu biex jieqaf. Il-konvenut jammetti li dakinhar li kien laqat il-*cable*, kien għatta l-ħofra u telaq u kienu tal-GO li wara ċemplulu. Mistoqsi jekk

[35] *A fol.* 324.
[36] La l-fattura indirizzata lil Angelo Schembri *a fol.* 4 u lanqas l-ittra uffiċjali notifikata lilu u lis-soċjetà konvenuta *a fol.* 5 ma jsemmu *fibre optic cable.*

għandux *detector* biex jaqbad pajpijiet mhux tal-metall bħal dawk tal-Water Services, il-konvenut qal li dat-tip ta' *detectors* ma jeżistux skont hu u tal-GO ikollhom imorru jimmarkaw. Il-konvenut jgħid li għalkemm skont il-kuntratt li kellu, kien hu li kellu jċempel lil tal-GO, dawn ma kinux jiġu jekk ma jċemplulhomx mill-Enemalta. Il-konvenut jgħid illli issa s-sistema nbidlet u hu jista' jċempel direttament lil tal-GO.

**Patrick Grixti**[37] xehed illi kien ilu mill-2005 *foreman* mal-Enemalta u fiż-żmien tal-inċident kien iqassam ix-xogħol tad-distretti u l-konvenut kien ilu assenjat fuq id-distrett ta' Ħal Qormi mill-2011. F'Awwissu 2012 kien hemm talbiet biex jitressqu xi arbli u linji tad-dawl u kien iltaqa' fuq il-post mal-inġinier tad-distrett Chris Bonnici u ma' rappreżentant tal-GAP, l-iżviluppaturi ta' sit kbir f'dawk l-inħawi. Ix-xhud kien avża lil Schembri b'dik il-laqgħa, imma dan ma kienx mar. Wara li qabblu fejn kien ser jiġi l-arblu u mmarkah bl-oranġjo, ix-xhud kien avża lir-rappreżentant tal-GAP, li jekk ikun hemm xi servizzi għaddejjin minn taħt, kien ikollhom ibiddlu l-post maqbul. Wara x-xhud reġa' ċempel lil Schembri u qallu li kien immarkalu l-post fejn kellu jiġi l-arblu sakemm lil Schembri ma jirriżultalux li għaddejjin servizzi minn taħt l-art. Ix-xhud jgħid illi l-marka kien għamilha mal-*boundary wall* li kienu bnew tal-GAP u dakinhar ma kien ra ebda żebgħa oħra fuq il-post. Ix-xhud jgħid li Schembri ma kienx qallu li kien hemm xi problema ħlief ġimgħa wara l-inċident u sa fejn jaf hu l-arblu kien twaħħal. Ix-xhud jgħid li kien sab l-arblu mwaħħal meta kien mar fuq il-post xi żmien wara, għax huwa ma jmurx dejjem *on site* sakemm ma tkunx inqalgħet xi kwistjoni. Ix-xhud jgħid li skont it-*tender* il-kuntrattur huwa obbligat li jġib il-permessi kollha u li jinforma lill-entitajiet ikkonċernati. Mistoqsi wkoll mill-Qorti li ladarba l-konvenut kien qallu li laqat *cable* jfisser li l-arblu ma setax jitwaħħal fejn hu kien

[37] *A fol.* 132 sa 141, 159 sa 161 u 166 sa 169.

immarkalu, ix-xhud wieġeb li għalih l-importanti kien li tah fejn jitwaħħal u li x-xogħol lest.[38] Ix-xhud insista li x-xogħol min-naħa tiegħu kien lest. Grixti jgħid li ma' dan il-kuntrattur kien ilu jaħdem xi sena u meta kien ikollhom xi problema fuq ix-xogħol, kienu jiltaqgħu darba, darbtejn, imma f'dan il-każ kien ġie infurmat biss ġimgħa wara l-inċident u meta x-xogħol kien diġà lest u l-arblu kien twaħħal f'dawk l-akkwati. Ix-xhud jgħid li l-proċedura normali meta ikun hemm talba biex jiċċaqlaq arblu, hi li min jagħmel it-talba japplika għand l-ARMS permezz ta' formola u esebixxa l-formola li ġiet ippreżentata f'dan il-każ, flimkien mal-karta tal-identità tal-applikant, sett ta' ritratti tal-arblu li ried jitmexxa u l-permessi tal-iżvilupp tal-Awtorità.[39] Dwar ir-ritratti li huwa esebixxa, ix-xhud seta' jirrikonoxxi t-triq inkwistjoni iżda mhux l-arblu li kellu jinbidel. Ix-xhud jgħid li jiem wara seta' jara li l-arblu xorta twaħħal, imma jekk kienx pied 'l hawn jew pied 'l hemm, ma setax jgħid. Ix-xhud ikkonferma li kien l-obbligu tal-kuntrattur skont il-kuntratt li għandu, li jagħmel il-verifiki ta' x'kien hemm taħt l-art. Ix-xhud jgħid li lil Angelo Schembri ma kienx għaddielu pjanti ta' x'hemm fit-triq, u li meta jagħmel il-marki fuq il-post, hu ma jkunx jaf x'hemm taħt l-art u kien l-obbligu tal-kuntrattur li jivverifika dan.

In kontroeżami[40] meta ġie muri r-ritratti *a fol.* 24 u 31A, Patrick Grixti jgħid li dik il-marka bil-kulur oraġjo probabbilment għamilha hu, però s-soltu jagħmlu ċirku u mhux vleġġa. Ix-xhud jiċħad kategorikament illi fil-jum tal-inċident kien ċempillu Schembri u jgħid li ma kien kellmu ħadd mill-Enemalta li Angelo Schembri kien ħalla messaġġ ma' xi ħaddieħor. Ix-xhud jgħid li huwa ma ċċekkjax jekk il-kuntrattur kienx għamel il-verifiki li kellu jagħmel skont il-kuntratt li kellu, għax mhijiex il-prassi tagħhom li jiċċekkjaw b'dan il-mod. Ix-

[38] *A fol.* 138.
[39] *A fol.* 142 sa 157.
[40] *A fol.* 161 sa 166.

xhud esebixxa t-*tender documents*[41] u għamel riferiment għall-klawsola 2, *Notices Prior To Commencement Of Works,* fil-Volum 3, *Technical Specifications*[42], fejn hemm speċifikat:

> *"b) The Contractor shall ensure that he has all the necessary information regarding any services, which might be located in/near, the area to be excavated. It will be assumed that no excavation can be done before the exact location of services pertaining to Government, Parastatal or private entities is carried out. For such reasons Contractors shall be equipped with cable and pipe detectors."*[43]

**Raymond Grixti** rappreżentant ta' GAP Holdings Limited, xehed permezz ta' *affidavit*[44] fejn spjega li huma kienu talbu li tinbidel il-pożizzjoni tal-arblu għax meta biddlu ħajt tas-sejjieħ f'wieħed tal-*bricks,* irriżulta li l-arblu kien ġej 'il ġewwa mill-ħajt u eventwalment kien se jiġi fuq il-bankina.[45] Ix-xhud jgħid li l-arblu xorta tqiegħed fejn kien ġie mmarkat bl-oranġjo mill-Enemalta.

Xehed ukoll **Roderick Cassar**[46], rappreżentat ta' Melita p.l.c. li kkonferma li dakinhar kellhom *alarm* fin-*network system* li affettwat il-klijenti kollha tagħhom ta' Ħaż-Żebbuġ tas-servizz tat-televiżjoni, tat-telefonija u tal-*internet.* Ix-xhud jgħid li sabu minn fejn kienet ġej il-ħsara, ċemplu lil tal-GO biex jibagħtu

---

[41] *A fol.* 170 sa 220.
[42] *A fol.* 41 tal-kuntratt u *a fol.* 211 tal-proċess.
[43] Klawżola 3 tgħid illi *"(a) Before commencing excavation works the contractor shall, seek the permission of the Transport Malta (TM), the Commissioner of Police and other interested authority as required by the Code of Police Laws and other laws and regulations as may exist from time to time and to the satisfaction of the Engineer or his representative."* Fi klawsola 10 *a fol. 44* tal-kuntratt u *a fol.* 214 tal-proċess, hemm speċifikat illi *"The Contractor shall be responsible and make good any loss or damage to the Enemalta articles, plant or equipment during loading, transit, unloading, erection and uplifting operations. The Contractor shall also be responsible and make good for any damages suffered by Enemalta personnel whether to person or to property throughout the operation of this agreement. Also he shall be responsible for any damages that may be caused to Enemalta, Government and Private Property during the execution of the contract. Only reasonable damages to crops are excluded from these conditions. As such it is important that the contractor obtains all relevant information regarding possible existence of services and in addition shall be equipped with cable/services detection facilities."*
[44] *A fol.* 223.
[45] Ara s-*survey* ikkummissjonat mill-GAP eżebit a fol. 224 u r-ritratt a fol. 225 fejn wara li tneħħa il-*boundary wall* tal-bricks, l-arblu llum jinsab eżatt kif tispiċċa l-bankina, fit-triq.
[46] *A fol.* 275 sa 283.

l-kuntrattur tagħhom biex jikxef l-art u wara sitt sigħat għaddew *fibre optic cable,* il-*bypass* tal-*fault* u sewwew il-ħsarat. It-trinek kienu tal-GO u tal-GO sewwewhom bil-kuntrattur tagħhom, iżda l-*cable* tal-Melita sewwewha l-ħaddiema tal-Melita. Ix-xhud qal li hu inġinier u dwar spejjeż u jekk ħadux azzjoni legali kontra xi ħadd ma kienx jafx. Il-ħaddiema tal-Melita għaddew xi 200 metri *fibre optic* mill-ġdid u dwar pajpijiet u *civil enginerring works* dawn għamluhom il-GO u kuntratturi tagħhom għax huma jikru biss *pipe* wieħed minn sitta li għandhom tal-GO fid-*duct system*.

In kontroeżami x-xhud ikkonferma[47] li l-kuntrattur tal-GO fetaħ it-toqba u l-pajpijiet u huma u l-GO irranġaw il-*cables* rispettivi tagħhom. Ix-xhud jgħid li kellhom xogħol differenti minn tal-GO għax il-cable tal-GO ma kienx tal-*fibre optic* iżda tal-*copper.* Mir-ritratt *a fol.* 25 ikkonferma li l-*pipe* ta' fuq kien tal-Melita. Ix-xhud esebixxa tliet ritratti[48] li juru kif sabu l-ħsarat qabel ma' ġie il-kuntrattur tal-GO. Il-ħofra li tidher kienet dik li ħaffer il-kuntrattur tal-Enemalta.

Xehdet ukoll **Dr Emily Abela**[49] għan-nom tal-Melita, li qalet li għadhom ma għamlu ebda *claim* kontra xi ħadd dwar il-ħsarat li kellhom għax għadhom qed jiddiskutu x'ser jagħmlu. Huma għamlu biss rapport l-Għassa dwar il-ħsarat. In kontroeżami x-xhud tgħid[50] li skont l-informazzjoni li għandha hi, l-ħsara saret mill-kuntrattur Angelo Schembri.

---

[47] *A fol.* 283 sa 287.
[48] *A fol.* 292 sa 294.
[49] *A fol.* 288 u 289.
[50] *A fol.* 289 sa 291.

*Provi prodotti mis-soċjetà konvenuta Enemalta p.l.c.*

Xehed permezz ta' *affidavit* l-inġinier **George Portelli**[51] *distribution manager* mas-soċjetà konvenuta u għamel riferiment għat-*tender for the excavation of pole foundation holes and for the erection and uplifting of steel and ferrocorrosive poles* li ġie esebit waqt ix-xhieda ta' Patrick Grixti.[52] George Portelli jgħid li l-konvenut kien rebaħ *tender* u kienet inħarġet *"execution of works order".* Ix-xhud isemmi ż-żewġ kundizzjonijiet imsemmijin aktar 'l fuq (a) u (b) fil-klawsola 2 u jispjega li kien obbligu ċar fuq il-kuntrattur sabiex japplika għall-permessi relattivi u ma kienx l-obbligu tas-soċjetà konvenuta li tagħmel dan. Fit-*tender document* kien hemm speċifikat ukoll l-obbligu tal-kuntrattur li jkollu *cable and pipe detectors.*

**Ivan Bartolo**[53], *procurement manager* mas-soċjetà konvenuta, xehed li ilu f'dan ix-xogħol mal-Enemalta mill-2010. Muri t-*tender document* inkwistjoni[54] ix-xhud ikkonferma li dan it-*tender* flimkien ma' *tender* ieħor simili, kien ġie aġġudikat lill-konvenut. Dwar esperjenza tal-konvenut f'dan ix-xogħol, ix-xhud qal li hu kien iddikjara li kellu għoxrin sena esperjenza f'dan ix-xogħol u l-*evaluator* kien ikkonferma dan u li l-konvenut dejjem tahom xogħol sodisfaċenti.

Xehed ukoll **Chris Bonnici**[55], li qal li kien ilu mal-Enemalta bħala inġinier tnax-il sena u li kien familjari mal-inċident fi Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ. Ix-xhud spjega li kienet saret talba minn GAP Holdings Limited biex imexxu arblu minn post għal ieħor. Ix-xhud jgħid li kienet saret laqgħa fuq il-post fejn kien preżenti hu, Patrick Grixti u rappreżentant ta' GAP Holdings Limited u dan tal-aħħar uriehom

[51] *A fol.* 304 u 305.
[52] *A fol.* 170 sa 220.
[53] *A fol.* 337 u 338.
[54] *A fol* 171 *et seq.*
[55] *A fol.* 354, 355 u 357.

fejn xtaqu jmexxu l-arblu. Sussegwentement kellu jmur fuq il-post il-konvenut u jivverifika bl-*electro-magnetic detector* jekk kinux għaddejjin *cables* taħt l-art qabel ma jibda jħaffer. Ix-xhud jgħid li ġie infurmat bl-inċident ġimgħa wara u kkonferma li min-naħa tal-Enemalta ma japplikawx għall-permessi u li dan hu kompitu tal-kuntrattur u għalhekk ma joqogħdux jiċċekjaw jekk dan ikunx applika jew le. Ix-xhud jgħid li x-xogħol biex jitwaħħal arblu jinvolvi xi kwarta xogħol u mhijiex il-prassi li l-kuntrattur jinfurmahom bil-ġurnata meta eżattament ikun ser jagħmel ix-xogħol. In kontroeżami x-xhud jgħid[56] li ma jidhirlux li l-Enemalta kienet ikkuntatjat lil GO dwar dan l-inċident u kien obbligu tal-kuntrattur li jagħmel dan. Bonnici jgħid li l-Enemalta ma tivverifikax jekk kuntrattur ikunx ser juża jew użax *electro-magnetic detector,* għax dan hu obbligu impost fuq il-kuntrattur skont it-*tender.* Ix-xhud jispjega li l-kuntrattur jingħata karta, u kopja tagħha tkun għand il-*foreman* tal-Enemalta, u wara li l-kuntrattur ilesti x-xogħol, il-karta tingħata lilu u hu jħallas lill-kuntrattur għax hu jkun ġie infurmat internament li n-nies tal-Enemalta jkunu ħadmu l-*wiring* fuq l-arblu. Ix-xhud jgħid li f'dan il-każ l-konvenut tħallas u jgħid li huwa sar jaf bl-inċident wara li l-kuntrattur kien tħallas.

## <u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>

Tqis illi sabiex il-Qorti tiddikjara r-responsabilità tal-konvenuti għad-danni, jeħtieġ illi jiġi ppruvat in-ness ta' kawżalità bejn fatti kolpevoli u konsegwenzi dannużi.[57] F'dan il-każ jirriżulta mill-provi, anki b'ammissjoni tal-konvenut innifsu, li l-ħsara sofferta mis-soċjetà attriċi fl-infrastruttura tagħha ġiet

[56] *A fol.* 355 sa 357.
[57] **Korporazzjoni Enemalta *vs.* Charles Bonnici**, P.A., 24.01.2014.

ikkaġunata mill-konvenut u jirriżulta wkoll li din il-ħsara ma kinitx waħda intenzjonali. Mill-atti jirriżulta wkoll li Angelo Schembri ġie liberat mill-akkużi kriminali li kellu kontra tiegħu dwar l-episodju mertu ta' din il-kawża, għalkemm ma rriżultax x'kienu preċiżament l-akkużi li ġie liberat minnhom u għalhekk din il-Qorti ma tistax tagħti qies lil dik is-sentenza.

In parentesi fis-sentenza fl-ismijiet **Maurice Meli Bugeja *pro et noe vs.* Francis Vella**[58] ġie ritenut li:

> "Il-proċeduri kriminali u dawk ċivili huma distinti u separati u ma hemm xejn li jżomm lill-atturi biex jintavolaw din il-kawża fil-mori ta' proċeduri kriminali..."

Illi wara kollox kif jistatwixxi l-artikolu 6 tal-Kap. 9 (il-Kodiċi Kriminali) att delittwuż jista' jwassal għal żewġ azzjonijiet, waħda kriminali u l-oħra ċivili, li però jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra. Madankollu fis-sentenza fl-ismijiet **Schembri *vs.* Portelli**[59], ġie ritenut li:

> "Għalkemm il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili, Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' tirreferi għal dak deċiż f'kamp kriminali għall-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Ċivili tista' tqis u tikkunsidra. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Briffa *vs.* Abela**, deċiża fit-28 ta' Marzu, 2003, osservat li ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, iżda l-ġudizzju *in sede penale* jikkostitwixxi "waħda mill-provi, għalkemm hi prova importanti" (sottolinejar ta' din il-Qorti). Din il-Qorti, fil-kawża **Xuereb *vs.* Micallef**, deċiża fis-26 ta' Novembru, 1923 kienet approvat dak li qal il-ġurista Laurent fis-sens illi "*si ritiene che il giudice civile può al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolta in procedimento penale.*"

[58] P.A., 26.01.2001.
[59] Q.A., 31.05.13.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Degabriele *vs.* Montebello**[60], b'adeżjoni ma' ġurisprudenza anterjuri, intqal li "ma hemm xejn ħażin li gudikant fi proċess ċivili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi miġbura fi provvediment kriminali", proprju għaliex fil-liġi m'hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija minn Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali dwar l-istess fatti, għalkemm f'dik is-sentenza ġie enfasizzat li dik hi biss waħda mill-provi li l-Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili għandha tieħu in konsiderazzjoni.[61]

Illi kwantu għal grad ta' prova rikjest fi proċeduri ċivili u fi proċeduri kriminali, ġie ritenut li:

> "Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dana għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubbju raġjonevoli". (**Eucaristico Zammit *vs.* Eustrachio Petrococchino**, App. 25.02.1952)."[62]

Tqis illi l-artikoli 1030 sa 1033 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdu li:

> "**1030.** Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.
>
> **1031.** Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.
>
> **1032.** (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

---

[60] P.A., 28.01.2010.

[61] Ara wkoll, fl-istess sens, **Pace *vs.* Camilleri**, Q.A., 27.07.2007; **Caruana *vs.* Ministeru tal-Ambjent *et***, P.A., 07.07.2004 u **Bugeja *vs.* Coreschi**, Q.A., 30.04.2009.

[62] Ara wkoll **Paul Vassallo *vs.* Carmelo Pace**, App., 05.03.1986 u **Group 4 Securitas (Malta Limited) *vs.* Godfrey Lopez *et***, P.A., 25.11.2013.

> (2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta’ disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta’ prudenza, ta’ diliġenza jew ta’ ħsieb fi grad akbar.
>
> **1033.** Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b’nuqqas ta’ diliġenza, ta’ prudenza jew ta’ ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f’hekk.”

Tqis illi filwaqt li fil-każ odjern ma jirriżultax assolutament li kien hemm xi ħjiel ta’ ħsara volontarja, mill-banda l-oħra l-Qorti għandha tikkunsidra t-talbiet attriċi abbażi ta’ (i) jekk kienx hemm xi negliġenza fil-grad imfisser fl-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili da parti tal-kuntrattur konsegwenza ta’ liema seħħew il-ħsarat inkwistjoni; (ii) jekk kienx hemm xi responsabbilità kontributorja da parti tas-soċjetà attriċi fl-eventwalità li jirriżulta li din tat xi marki ħżiena lil Angelo Schembri, f’liema każ dan il-fattur jista’ jkun allura l-vera raġuni tal-ħsarat.

Illi kwantu għall-provi li ġew imressqa f’din il-kawża, jeżisti konflitt ċar bejn dak li ġie affermat mill-konvenut u dak li tafferma s-soċjetà konvenuta. Il-konvenut jsostni li huwa mexa skont il-prassi segwita dak iż-żmien, ċjoè li ma kellux japplika hu għal permessi dwar xogħlijiet għall-Enemalta u jgħid li kien il-*foreman* tal-Enemalta Patrick Grixti li kien iddiriġieh fejn kellu jħaffer anki wara li kkonstataw fejn kienu l-marki l-ħodor, li l-konvenut jassumi kienu tas-soċjetà attriċi li kienu jindikaw minn fejn għaddejjin il-*cables* subterranji tagħhom. Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta tgħid li l-konvenut lanqas biss attenda għal-laqgħa li kellhom *on site* u skont il-kundizzjonijiet tat-*tender,* kien l-obbligu tal-kuntrattur li jġib il-permessi, jikkommunika mal-entitajiet li kellhom servizzi taħt l-art, jivverifika bl-*electro-magnetic detector* jekk kinux għaddejjin xi *cables* u li saħansitra jagħmel xi *pilot holes* qabel jibda x-xogħol. Patrick Grixti jiċħad li kien mar fuq il-post mal-konvenut, u jgħid li kien kellmu bit-telefon u li ma

kienx ikkunsidra l-marki ħodor u li kien il-kuntrattur li kellu jagħmel il-verifiki skont it-*tender conditions.*

Illi hemm ukoll kunflitt ta' provi bejn dak li jafferma l-kuntrattur u dak li tafferma s-soċjetà attriċi, bil-kuntrattur isostni li *cable* danneġġjat ta' GO p.l.c. kien *fibre optic cable* irqiq li ma kienx jirreġistra fuq id-*detector* tiegħu u li kienu l-ħaddiema ta' GO p.l.c. li mmarkaw ħażin bil-kulur aħdar fejn suppost kien hemm il-*cables.* Is-soċjetà attriċi tikkontendi li l-*cables* tagħha kienu tal-*copper* li jiġu faċilment idditekktjati bid-*detectors,* li huma qatt ma ġew mitluba mill-konvenut jindikaw fejn għandhom il-*cables* tagħhom u li d-danni reklamati kienu danni realment sofferti minnha.

Illi f'każ ta' kunflitt fil-provi bħalma huwa dan:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[63]

Illi dwar il-provi li partijiet għandhom iressqu, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[64] fejn ingħad illi:

[63] **Carmelo Farrugia *vs.* Rokku Farrugia**, Qorti Ċivili, 24 ta' Novembru, 1966 *per* Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran.
[64] Appell Ċivili (Sede Inferjuri) datata 12 ta' April, 2007.

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timpani a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża ta' l-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta' – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912 (Vol. XXIV. P.i, p.104)".

Tqis meta dawn il-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jiġu applikati għall-provi ppreżentati fil-kawża odjerna, illi l-konvenut bena l-

affermazzjonijiet tiegħu mhux fuq provi konkreti iżda fuq assunzjonijiet li ma ġewx ippruvati. Kuntrarjament għal dak li ġie stipulat b'mod ċar fil-kundizzjonijiet tat-*tender*, li l-kuntrattur kellu obbligu li japplika mal-awtoritajiet konċernati u jivverifika mal-entitajiet kollha li kellhom is-servizzi tagħhom f'dik it-triq taħt l-art, il-konvenut jgħid li fl-2012 kienet għadha ma daħlitx il-prassi li l-kuntrattur seta' japplika direttament mal-GO p.l.c. biex jagħtuh l-informazzjoni dwar fejn kellhom is-servizzi tagħhom taħt l-art u lanqas kienet għadha ġiet fis-seħħ il-kundizzjoni li kellu japplika hu għall-permessi. Dawn però huma biss asserzjonijiet tal-konvenut Angelo Schembri li jmorru kontra l-obbligu li ġie impost fuqu mis-soċjetà konvenuta mhux biss fit-*tender* tal-2012 imma anki f'*tender* ieħor li kien rebaħ fl-2008. Il-konvenut ma ġab l-ebda prova li l-imsemmija kundizzjonijiet tat-*tender* ma kinux eżegwibbli. Il-verżjoni tal-konvenut rigward ma' min kien mar fuq il-post, inbidlet tliet darbiet u l-Qorti tqis fuq bażi ta' probabbiltajiet li l-verżjoni tal-konvenut mhijiex attendibbli u mhijiex dik korretta. Il-*foreman* tal-Enemalta Patrick Grixti kien konsistenti fl-verżjoni tiegħu li huwa ma kienx mar fuq il-post mal-konvenut u meta kien għamel laqgħa fuq is-sit ma' dawk involuti, l-kuntrattur ma kienx attenda. Dak li pprova jagħmel l-konvenut f'din il-kawża kien li jipprova jmeri dak li kien obbligat jagħmel bil-miktub fil-kundizzjonijiet tat-tender. Imma *"contra scriptum testimonium non fertur",* kontra l-prova miktuba ma tistax tigi ammessa prova testimonjali. Veru li din mhijiex preżunzjoni *juris et de jure* iżda *juris tantum* u jistgħu jinġiebu provi kuntrarji li jġibu ċertezza morali fil-ġudikant[65], però fil-każ odjern l-asserzjonijiet tal-konvenut baqgħu asserzjonijiet mhux ippruvati. Tant hu hekk fejn il-konvenut ma qabilx mas-soċjetà attriċi u ttenta jadduci diversi skużanti għall-fatt li spiċċa ħaffer fejn

[65] Ara **Borg *vs.* Bartolo**, App. Inf., 25.06.1980, **Caruana *vs.* Laurenti**, P.A., 08.04.1994, **Borg *vs.* Manager tal-Intrapriża tal-Ħalib**, 17.07.1981, **Zammit *vs.* Petrococchimo,** App. Kum., 25.02.1952 u **Vassallo *vs.* Pace**, Kollez. Vol. LXX, Pt. II, pġ. 144.

mhux suppost, imma dawn irriżultaw li kienu kollha inveritjeri. Hekk pereżempju l-konvenut jgħid illi ma kienx qabad il-*cable* tal-GO p.l.c. bid-*detector* għax dan il-*cable* kien tal-*fibre optic* li ma jinqabadx bid-*detector*, u jgħid li l-*cable* kien tal-*fibre optic* għax hekk kienet tgħid il-fattura li bagħtulu mill-GO. Imma l-fattura li ġiet esebita *a fol.* 4 tal-proċess fil-fatt ma tagħmel ebda riferiment għal *fibre optic cable.* Ix-xhud Roderick Cassar rappreżentant tal-Melita, li f'dawn il-proċeduri jista' jitqies li huwa xhud indipendenti mill-partijiet, jikkonferma li l-*cable tal-GO* kien tal-*copper.* In kontroeżami l-konvenut ittenta jġib l-iskuża li l-*cable* ma kienx immarka għax għadda darba bid-*detector* ta' malajr, billi assuma li l-*cable* tal-GO kien fejn kien hemm il-marki fl-art bl-aħdar. Il-kuntrattur jammetti li ma kienx talab għal verifika mill-GO p.l.c. imma ra l-marki fl-art bl-aħdar u assuma li kienu tal-GO p.l.c. Schembri assuma li kienu saru trinek riċenti li assuma li kienu tal-Kunsill Lokali u reġa' assuma li l-Kunsill Lokali qabel ix-xogħlijiet tiegħu kien talab lil tal-GO biex jindikaw fejn dawn kellhom il-*cables,* u reġa' assuma li tal-GO kienu mmarkaw bl-aħdar fejn kellhom il-*cables* tagħhom taħt l-art u allura l-konvenut reġa' assuma li seta' jħaffer xi metru 'l bogħod mill-marki bl-aħdar. Iżda anki kieku *dato non concesso* dawn il-marki bl-aħdar saru fuq talba preċedenti ta' xi ħaddieħor lil GO, tali marki isiru fir-rigward ta' fejn tkun ser issir it-trinka u mhux fejn ikunu jinsabu l-*cables* it-tul tagħhom kollu, anki fejn ma jkunx ser isir ebda tħaffir. Hu x'inhu l-każ, dak li kien ċertament tenut jagħmel il-konvenut kien li jwettaq l-obbligi kuntrattwali li ġew imposti fuqu bit-*tender document*, flok jimxi fuq ħafna suppożizzjonijiet u assunzjonijiet li kif irriżulta mill-provi, kienu żbaljati u fallaċi. Bil-mod kif ikkonduċa x-xogħol li ġie inkarigat jagħmel, il-konvenut Angelo Schembri wera traskuraġni grossolana u nuqqas ta' diliġenza. Bħala persuna fil-mestjier għal ħafna snin, il-konvenut messu kien jaf li konsegwenza tat-traskuraġni tiegħu setgħet tiġi kkaġunata ħsara kbira fl-

infrastruttura tas-soċjetà attriċi. Ċertament l-aġir tal-konvenut f'dan il-każ ma kienx dak ta' *bonus pater familias* u bla dubju kien minħabba l-*modus operandi* traskurat u inkonsult tiegħu li ġew ikkaġunati danni fil-*cable* u l-papijiet tas-soċjetà attriċi.

*Kontributorjetà o meno tas-soċjetà attriċi*

L-asserzjoni tal-konvenut li s-soċjetà attriċi kienet għamlet marki bl-aħdar żbaljati ma ġietx ippruvata u l-konvenut innifsu jammetti li ma kienx talab lil tal-GO jagħtuh indikazzjoni fejn kellhom il-*cable* tagħhom. Mill-provi jirriżulta li s-soċjetà attriċi ma kinitx avżata bix-xogħol li għamel il-konvenut fi Triq Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ. Barra minn hekk jirriżulta mill-atti[66] l-kuntrattur lanqas biss talab għall-permess mill-awtoritajiet kompetenti biex jagħmel dan ix-xogħol kif kien obbligat li jagħmel. Tabilħaqq li kien hemm ċerta inkonsistenza fix-xhieda ta' wħud mill-impjegati tas-soċjetà attriċi, senjatament ix-xhieda ta' Joseph Farrugia u ta' Edward Haber rigward fejn kien jinsab l-arblu oriġinalment u jekk dak li jidher f'wieħed mir-ritratti li ġew ppreżentati kienx l-arblu oriġinali jew l-arblu li ġie mibdul. Iżda dawn kienu dettalji sekondarji għall-impjegati tal-GO li naturalment l-aktar li kienet tikkonċernahom kienet l-infrastruttura tal-GO fir-rigward ta' liema x-xhieda tagħhom kienet ċara u konsistenti.

Tqis illi ma tressqu ebda provi mill-konvenut illi s-soċjetà attriċi setgħet b'xi mod żgwidat lill-kuntrattur biex aġixxa kif aġixxa. Il-konvenut lanqas il-minimu ta' indaġini m'għamel, imqar b'telefonata lill-impjegati tal-GO p.l.c., biex jivverifika jekk il-marki bl-aħdar li bbaża fuqhom is-suppożizzjonijiet tiegħu, kinux tal-GO p.l.c. jew le.

[66] Ara xhieda tar-rappreżentanti tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ u tal-Awtorità responsabbli għat-Trasport f'Malta li għamel riċerka mhux biss fuq l-Enemalta u l-konvenut iżda anki rigward permessi għat-triq inkwistjoni.

Illi kwantu għar-responsabbiltà *o meno* tas-soċjetà konvenuta għall-akkadut, hija ta' rilevanza s-sentenza fl-ismijiet **Ignatius Busuttil *vs.* Transport Malta *et***[67] fejn waħda mill-konvenuti kienet proprju l-Enemalta p.l.c., li eċċepiet illi skont it-*tender conditions* li kienu ġew stipulati f'dak il-każ, *"all damages to any property or persons sustained during the execution of works shall be the responsibility of the Contractor"*:

> "Għall-attur dan il-ftehim hu *res inter alios acta* u għalhekk il-Korporazzjoni ma tistax tirnexxi fid-difiża tagħha billi tistrieħ biss fuq dak li jingħad fil-ftehim... *omissis ...*
>
> Skont l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu. ... *omissis ...*
>
> Bħala regola kuntrattur fit-twettiq tax-xogħlijiet appaltati, jopera b'awtonomija, bl-organizzazzjoni proprja tiegħu u bl-użu ta' dawk il-mezzi meħtieġa biex iwettaq ix-xogħol. F'dan il-kuntest il-qorti tislet bran minn sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni numru 12971 tas-27 ta' Mejju, 2010:
>
> *"Una corresponsabilità del committente può, infatti, verificarsi solo in due casi: o quando l'opera sia stata affidata ad impresa manifestamente inidonea (cosiddetta culpa in eligendo), ovvero quando la condotta causativa del danno sia stata imposta all'appaltatore dal committente stesso, attraverso rigide ed inderogabili direttive (ex plurimis: Cass. n. 10588/2008; n. 7755/2007; n. 15782/2006). In particolare un dovere di controllo di origine non contrattuale gravante sul committente al fine di evitare che dall'opera derivino lesioni del principio del neminem laedere, di cui alla norma generale contenuta nell'art. 2043 c.c., può essere configurato solo con riferimento alla finalità di evitare specifiche violazioni di regole di cautela (Cass. n. 13131/2006; n. 11478/2004) e non anche al fine di realizzare una generale supervisione da parte del committente sulla conformità del comportamento dell'appaltatore al principio base della responsabilità civile; e ciò in quanto la funzione di controllo è assimilabile a un potere che può essere riconosciuto nei rapporti interni fra committente e appaltatore, in correlazione alla riduzione o eliminazione*

[67] App. Inf., 13.01.2016 *per* Imħallef Anthony Ellul.

*della sfera di autonomia decisionale del secondo e solo eccezionalmente può assumere rilevanza nei confronti dei terzi”.*

Fix-xogħol ma kien hemm xejn ikkumplikat u m'hemmx prova li fil-kors tat-twettiq tax-xogħol il-Korporazzjoni tat xi ordnijiet li setgħu taw lok għall-ħsara fil-fond tal-attur. Però rriżulta li uffiċjal tal-Korporazzjoni kien qiegħed imur fis-sit fejn kien qiegħed isir ix-xogħol u kkonferma li dam għaddej għal xi ħmistax-il ġurnata (ara deposizzjoni ta' Mario Sultana). Kien għalhekk fatt magħruf għall-Korporazzjoni li l-kuntrattur kien għamel trinka fit-triq u ħalliha miftuħa mhux għal ġurnata jew tnejn. Bħala entità tal-Gvern, il-Korporazzjoni kellha dmir tiżgura li t-trinka tingħalaq fl-iqsar żmien possibbli u mhux titħalla miftuħa għal dawk il-ġranet kollha bil-perikli kollha li dan il-fatt iġib miegħu.

Inoltre, skont l-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili:

“Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi”.

Fis-sentenza **Emanuel Zammit nomine *vs.* Charles Polidano *pro et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2014, ġie osservat:

“Min-naħa l-oħra, is-soċjetajiet appellanti ma jistgħux jeħilsu mir-responsabbilità billi jgħidu li qabbdu persuna biex tieħu ħsieb ix-xogħol, għax la darba rriżulta li b'dak li għamlet jew ma għamlitx dik il-persuna, is-soċjetà attriċi sofriet danni (speċjalment meta *tower crane* intrama eżatt mal-faċċata tal-lukanda tas-soċjetà attriċi), isegwi li dik il-persuna ma kienetx kompetenti f'xogħolha, u għall-konsegwenzi ta' din l-inkompetenza għandhom ibatu wkoll is-sidien, is-soċjetajiet konvenuti appellanti (ara **Grech *vs.* Kummissarju tal-Pulizija**, deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu, 1988, u **Gauci *vs.* Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma *et,*** deċiża minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Novembru, 2010, li fiha, wara rassenja ta' ġurisprudenza, ingħad li “il *culpa in eligendo* llum tinkludi r-responsabbilità ta' persuna għall-atti tal-impjegati tagħha li jikkawżaw danni lil terzi”). Hu ċar, kif taraha din il-Qorti, li allura għad-danni li sofriet is-soċjetà attriċi, ma jaħti ħadd ħlief is-soċjetajiet konvenuti kif stabbiliet l-ewwel Qorti (**Emanuel Zammit nomine *vs.***

> **Charles Polidano *pro et noe***, deċiża mill-appell fil-31 ta' Jannar 2014)" (enfażi miżjuda)...*omissis...*
>
> Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-Korporazzjoni Enemalta, b'dan li Transport Malta għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha ġjaladarba ppreżentat tweġiba (fol. 13) minkejja li l-Korporazzjoni Enemalta ma appellatx minn dik il-parti tas-sentenza li biha ġiet miċħuda t-talba tal-attur fil-konfront ta' din l-Awtorità".

Fil-każ odjern ix-xogħol li għamel il-kuntrattur kien xogħol ta' kwarta kollox u li suppost ma kellux ikun ikkumplikat. L-obbligi tal-kuntrattur kienu ċari biżżejjed u fi kwalunkwe każ mhux raġjonevolment mistenni li filwaqt li tkun qed issir biċċa xogħol żgħira ta' din ix-xorta mill-kuntrattur, li jkunu preżenti wkoll uffiċjali tas-soċjetà konvenuta. Fil-kawża surriferita l-uffiċjali tal-Enemalta kienu ben konsapevoli tan-nuqqasijiet fix-xogħlijiet kif imwettqa mill-kuntrattur għax setgħu jaraw b'għajnejhom u ma ħadu ebda miżuri biex jipprevjenu jew jikkontjenu l-konsegwenzi ta' dawk in-nuqqasijiet. Il-każ odjern għandu fattispeci kemxejn differenti, 'il għaliex ix-xogħol tal-kuntrattur kellu jkun wieħed pjuttost sempliċi u mingħajr kumplikazzjonijiet u kien biss ġimgħa wara l-inċident li l-konvenut avża lill-Enemalta b'dak li kien ġara.

Illi fl-aħħar nett il-Qorti trid teżamina wkoll jekk is-soċjetà konvenuta fl-għażla tagħha tal-kuntrattur f'dan il-każ, kienx hemm xi nuqqas da parti tagħha fejn intgħażel kuntrattur li mhux kapaċi jagħmel ix-xogħol li ġie inkarigat jagħmel. Tqis illi s-soċjetà konvenuta ressqet provi suffiċjenti bix-xhieda ta' Ivan Bartolo li kien *Chairman* tal-*Evaluation Committee* tat-*tender* mirbuħa mill-konvenut, illi l-*evaluator* tat-*tender* kien ikkonferma li l-konvenut kellu esperjenza ta' aktar minn għoxrin sena f'dan ix-xogħol u li l-konvenut ta dejjem xogħol sodisfaċenti. Fil-fatt ma nġabet ebda prova mis-soċjetà attriċi li s-soċjetà konvenuta kienet għażlet kuntrattur li ma kienx idoneju biex jagħmel ix-xogħol li ġie nkarigat

jagħmel jew li kellu *track record* ħażin. Hekk kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Mary Buttigieg *et vs.* John Polidano *et***[68]:

> "Wara li l-qorti rat l-atti m'hijiex tal-fehma li ġie ppruvat li hemm xi ħtija min-naħa tal-perit Busuttil li rriżulta li ma kienx jaf li x-xogħol qiegħed isir. F'tali ċirkostanzi l-arkitett ma jistax jinżamm responsabbli minħabba xi difett ta' direzzjoni jew sorveljanza ġialadarba l-kuntrattur ikun għażel li ma jinfurmaħx li beda x-xogħol. Fir-rigward tad-Direttur tal-Bini u Tiswija tad-Djar, ta l-appalt lil Polidano, u m'hemmx prova ta' *culpa in eligendo* min-naħa tiegħu fis-sens li l-appalt ingħata lil xi persuna mhux idoneja biex tagħmel ix-xogħol ta' demolizzjoni."

Illi l-istess għandu jingħad fir-rigward tal-każ odjern billi m'hemmx prova li s-soċjetà konvenuta inkarigat lil xi ħadd li mhux idoneju għax-xogħol li ġie mqabbad jagħmel, li ma kellux esperjenza jew li kellu *track record* xejn impressjonanti.

Illi għar-rigward tal-*quantum* tad-danni pretiżi, is-soċjetà attriċi tispjega fid-detall l-ispejjez li għamlet. It-tiswijiet għal raġunijiet ovvji kienu ta' natura urġenti u ġew inkarigati jsewwu l-kuntratturi li s-soltu jitqabbdu mis-soċjetà GO p.l.c., Renell Company Limited u Tenovar Limited. Is-soċjetà GO tat spjega dettaljata wkoll ta' spejjeż oħra li saru minnha[69], bl-ispjegazzjonijiet tekniċi li ngħataw mix-xhieda Silvan Montesin u Paul Debrincat. Ġie spjegat ukoll kif il-*cable* ma setax jiġi maqtugħ biss fil-parti ddanneġjata iżda kellu jsir *cable* ġdid sħiħ min-*manhole* għal oħra. Anki l-impjegat tal-Melita spjega fix-xhieda tiegħu li huma kellhom ta' bilfors ibiddlu tul ta' mitejn metru *cable*. Bl-ebda mod ma ġie ppruvat dak li ġie allegat mill-konvenut li s-soċjetà attriċi nefħet (*inflated)* l-ispejjeż li qiegħda tirreklama f'din il-kawża. Għar-rigward ta' dawk ix-xogħlijiet rimedjali li saru mill-kuntratturi tal-GO p.l.c., li kienu wkoll ta'

[68] P.A., 16.03.12.
[69] *A fol.* 21.

beneficċju għall-Melita, dan ma jinċidi xejn fuq il-fatt li l-ispejjeż għal dax-xogħlijiet tħallsu minn GO p.l.c., billi l-Melita p.l.c. tikri mingħand il-GO wieħed mill-pipijiet minn fejn tgħaddi l-*cable* tagħha.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Ivor Zammit *noe vs.* Christopher Agius *et***[70] jingħad illi:

> "In linea ġenerali, huwa prinċipju tad-dritt fil-kamp tal-kompensazzjoni għal danni li "l-attur għandu kemm jista' jkun jiġi mqiegħed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma ġietx kaġjonata l-ħsara" (**Tufigno *vs.* Micallef *noe***, Qorti tal-Appell – Sede Ċivili - 23 ta' April, 1965). Id-danneġġjat għandu l-jedd li jiġi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerġa' jitqiegħed raġonevolment fl-istat li kien qabel sofra l-ħsara. Dan għaliex ir-risarċiment għandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneġġjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli għalih li jġib miegħu l-event dannuż. Għalhekk ir-risarċiment għandu jikkonsisti f'somma li raġonevolment twassal għall-valur tal-utilitajiet mitlufa. (**Galea *pro et noe vs.* Gatt *et*** – Qorti tal-Appell - Sede Ċivili – 24 ta' Novembru, 1958; **Zammit *vs.* Calleja** – Appell Inferjuri – 12 ta' Jannar, 1977; **Sant *vs.* Borg –** Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 3 ta' Ottubru, 1979)**.**
>
> Din ir-regola tar-*restitutio in integrum* hija kwalifikata minn regola oħra li bħala bilanċ torbot lid-danneġġjat sabiex jadotta dawk il-miżuri kollha raġjonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun ġarrab, u jekk jirriżulta li ma jkunx ħa dawk il-miżuri, allura dak in-nuqqas tad-danneġġjat għandu jirrisolvi ruħu fi tnaqqis tal-quantum tad-danni. Huwa wkoll prinċipju tad-dritt li għalkemm id-danneġġjat għandu d-dmir li jagħmel dak kollu li hu raġjonevoli sabiex inaqqas il-ħsara u li jieħu l-miżuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun ġarrab, fl-istess waqt mhuwiex obbligat li jitgħabba b'piżijiet sabiex jirreduċi l-ħsara. Il-kwistjoni ta' x'inhu raġjonevoli li jagħmel id-danneġġjat biex jimmitiga l-ħsara hi materja ta' fatt li għandha tiġi konsidrata fiċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward speċifiku jaqa' fuq il-konvenut. (ara - **Aquilina *vs.* Schembri** – Qorti tal-Appell [Sede Ċivili] - 24 ta' Jannar, 1969; **Xuereb *vs.* Livick *et*** – Qorti tal-Appell Inferjuri – 3 ta' Novembru, 1956; Kollez. **Vol. XXXVII.I.478** u Kollez. **Vol. XXXVIII.I.249**)."

[70] P.A., 14.05.2012.

Ma tressqu ebda provi li x-xogħlijiet rimedjali ħadu ż-żmien biex saru, anzi x-xogħlijiet saru kemm jista' jkun malajr biex mad-danni subiti mis-soċjetà attriċi ma jiżdidux danni li setgħu jirreklamaw klijenti tas-soċjetà attriċi li ġew milquta bil-ħsarat. Fl-aħħar mill-aħħar il-konvenut ma ressaq ebda provi li l-ispejjeż reklamati mis-soċjetà attriċi huma esaġerati. Għaldaqstant anki din l-eċċezzjoni tal-konvenut għandha tiġi respinta.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi billi tiddikjara lill-konvenut Angelo Schembri unikament responsabbli tal-ħsarat ikkawżati lill-infrastruttura tas-soċjetà attriċi kif spjegat aktar 'il fuq;**

**2. Tilqa' parzjalment it-tieni talba tas-soċjetà attriċi billi tikkundanna lill-konvenut Angelo Schembri jħallas id-danni lis-soċjetà attriċi GO p.l.c. fis-somma ta' sittax-il elf u sitta u ħamsin Euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€16,056.26) in konnessjoni mal-ħsarat fuq ċitati.**

**Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bir-riferenza 265/14 u bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-istess ittra uffiċjali fl-4 ta' Frar, 2014 kontra l-konvenut Angelo Schembri, ħlief għall-ispejjeż tas-soċjetà konvenuta, Enemalta p.l.c., li jibqgħu a kariku tas-soċjetà attriċi GO p.l.c.**

Moqrija.